



Brussell, 4 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8679/1/23
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0277(COD)

JUR 282
AUDIO 35
CODEC 684
DIGIT 77
MI 319
DISINFO 22
FREMP 118
COMPET 351
EDPS 5
DATAPROTECT 113
JAI 501
SERVICES 15
POLGEN 37

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament dwar l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media - <i>Rapport ta' progress</i>

1. Fis-16 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media, EMFA) u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE¹. Il-proposta kienet akkumpanjata minn Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar salvagwardji interni għall-indipendenza editorjali u t-trasparenza tas-sjieda fis-settur tal-media, u Valutazzjoni tal-Impatt.

¹ Dok. 12413/22 – COM (2022) 457 final

2. Fil-21 ta' Settembru 2022, il-proposta għal EMFA ġiet ippreżentata fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper).
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media (AVMWP) eżamina t-test tal-proposta f'għadd ta' laqgħat bejn Settembru u Novembru 2022² taħt il-Presidenza Ċeka.
4. Taħt il-Presidenza Żvediża, l-AVMWP kompli l-eżami tal-proposta f'għadd ta' laqgħat bejn Jannar u April 2023, fuq il-bażi ta' test ta' compromess imressaq mill-Presidenza.
5. L-għan tal-Presidenza huwa li tkompli bil-ħidma fuq il-proposta bil-ħsieb li jiġi stabbilit mandat tal-Coreper dwar it-test kollu sa Ġunju 2023.
6. Il-Coreper huwa mistieden jibgħat ir-Rapport ta' Progress meħmuż dwar il-proposta għal EMFA, kif imħejji mill-Presidenza, lill-Kunsill bil-ħsieb li jinforma lill-Ministri dwar il-ħidma mwettqa u l-progress li sar sa issa fuq dik il-proposta.

² L-AVMWP eżamina l-Valutazzjoni tal-Impatt fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Settembru 2022

L-ATT EWROPEW DWAR IL-LIBERTÀ TAL-MEDIA (EMFA)**RAPPORT TA' PROGRESS TAL-PRESIDENZA****I. INTRODUZZJONI****1. Sfond**

Fit-3 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea (EDAP) bl-għan li tingħata s-setgħa liċ-ċittadini u jinbnew demokraziji aktar reżiljenti fl-UE kollha. Il-pilastri inklużi fl-EDAP jiffokaw fost l-oħrajn fuq it-tisħiħ tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media kif ukoll fuq il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni.

Fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni fil-15 ta' Settembru 2021, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sa Ursula von der Leyen, enfasizzat li l-Ewropa teħtieġ liġi li tħares l-indipendenza tal-media u indikat li l-Kummissjoni ser tippreżenta proposta għal leġislazzjoni fl-2022 fil-forma ta' Att dwar il-Libertà tal-Media.

Saret konsultazzjoni pubblika mill-10 ta' Jannar 2022 sal-21 ta' Marzu 2022. Il-konsultazzjoni kienet maħsuba biex tiġbor fehmiet dwar l-aktar kwistjonijiet importanti li jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern tal-media.

Fis-16 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media, EMFA) u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE³. Bħala parti mill-pakkett tal-EMFA, ġiet ippreżentata wkoll Rakkomandazzjoni komplementari tal-Kummissjoni dwar salvagwardji interni għall-indipendenza editorjali u t-trasparenza tas-sjieda fis-settur tal-media⁴.

³ Dok. 12413/22 – COM (2022) 457 final

⁴ ĠU L 245, 22.9.2022, p. 56.

2. Il-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tal-impatt

Il-proposta għal Regolament dwar l-EMFA għandha l-għan li tistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern. Hija msejsa fuq id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD) tal-2018, filwaqt li fl-istess ħin temenda ċerti dispożizzjonijiet tal-AVMSD.

L-EMFA jkopri oqsma kumplessi u sensitivi b'rabtiet ma' oqsma oħra ta' politika bħall-Istat tad-Dritt u l-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, u hija l-ewwel darba li l-UE għandha l-għan li tilleġiżla fl-oqsma tal-libertà tal-media, il-pluraliżmu tal-media u l-indipendenza editorjali.

Il-proposta leġislattiva għal EMFA hi bbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE (approssimazzjoni tal-liġijiet għall-kisba tal-oġġettivi tas-suq intern). Għandha 28 artikolu u 54 premessa, u temenda xi dispożizzjonijiet tal-AVMSD; b'mod partikolari, l-EMFA jipproponi Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media ġdid ("il-Bord") biex jissostitwixxi l-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA) attwali stabbilit mid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.

Il-proposta għal EMFA tħaddan fiha erba' oġġettivi speċifiċi għall-funzjonament imtejjeb tas-suq intern tal-media:

- it-trawwim ta' attività u investment transfruntieri fis-servizzi tal-media
- iż-żieda fil-kooperazzjoni u l-konverġenza regulatorji
- il-faċilitazzjoni tal-forniment ta' servizzi tal-media ta' kwalità
- l-iżgurar ta' allokkazzjoni trasparenti u ġusta tar-riżorsi ekonomiċi

Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt dwar l-EMFA jiġġustifika l-ħtieġa għal azzjoni fid-dawl tal-problemi attwali li jaffettwaw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-media; jiżviluppa l-oġġettivi speċifiċi li għandhom jintlaħqu; jiġġustifika l-valur miżjud tal-UE u l-ħtieġa għal azzjoni tal-UE f'termini ta' sussidjarjetà; jesplora soluzzjonijiet alternattivi u jasal għal għażla motivata; jidentifika l-partijiet ikkonċernati rilevanti; janalizza l-impatti f'termini finanzjarji, tekniċi, baġitarji, tan-negozju, tal-kompetittività, tal-libertà tal-media, tal-pluraliżmu tal-media u tal-indipendenza editorjali; u jispjega l-għażla tal-bażi legali u l-konformità tal-proposta mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

3. Is-sitwazzjoni attwali fil-Parlament Ewropew

Fir-rigward tas-sitwazzjoni attwali fil-Parlament Ewropew (PE), il-proposta għal Regolament EMFA tħabbret fis-sessjoni plenarja tal-PE fis-17 ta' Ottubru 2022. Wara diskussjonijiet interni, il-PE kkonferma

- l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (CULT) bħala l-Kumitat ewlieni, u s-Sa Sabine Verheyen (PPE/DE) bħala Rapporteur għall-fajl tal-EMFA⁵.
- il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) bħala Kumitat li għandu jiġi kkonsultat, u s-Sur Geoffroy Didier (PPE/FR) bħala Rapporteur għall-Opinjoni.
- il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) bħala Kumitat li għandu jiġi kkonsultat, iżda b'kompetenza esklużiva dwar l-Artikoli 4(2) u 20(3). Ir-Rapporteur għal din l-Opinjoni hija s-Sa Ramona Strugariu (Renew/RO).

⁵ Is-Sa Verheyen hija wkoll il-President tal-Kumitat CULT

F'konformità mal-Kunsill u l-Kummissjoni, l-għan tal-PE huwa li jintlaħaq qbil ġenerali dwar il-fajl tal-EMFA qabel l-elezzjonijiet tal-PE f'Mejju 2024. F'din il-perspettiva, il-kalendarju ta' ħidma tentattiv tal-PE fl-2023 huwa dan li ġej:

- 31 ta' Marzu: pubblikazzjoni tal-abbozz ta' Rapport
- 26 ta' April: preżentazzjoni u l-ewwel diskussjoni fil-Kumitat CULT
- 5 ta' Mejju: skadenza għat-tressiq ta' emendi
- Ġunju (id-data għad trid tiġi kkonfermata): vot dwar l-Opinjonijiet mill-Kumitati IMCO u LIBE
- Ġunju-Awwissu: ħidma fuq it-testi ta' kompromess fost il-Kumitati u l-gruppi politiċi, traduzzjoni tal-abbozzi ta' emendi, eċċ.
- 7 ta' Settembru: vot fil-Kumitat CULT⁶
- 16-19 ta' Ottubru (id-data għad trid tiġi kkonfermata): vot fil-Plenarja tal-PE⁷

L-abbozz ta' Rapport tal-Kumitat CULT ġie ppubblikat fil-31 ta' Marzu 2023 u fih 117-il emenda. Huwa jilqa' l-proposta għal EMFA, iżda jissuġġerixxi għadd ta' bidliet sabiex jinbidlu u/jew jiġu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet.

L-abbozz ta' Opinjoni tal-Kumitat LIBE ġie ppubblikat fis-16 ta' April 2023.

L-abbozz ta' Opinjoni tal-Kumitat IMCO ġie ppubblikat fit-3 ta' Marzu 2023.

⁶ Il-Kumitat CULT mhux ser jivvota fuq l-emendi tal-Kumitat LIBE għall-Artikoli 4(2) u 20(3)

⁷ L-abbozz ta' Rapport jindika li "*n-negożjati interistituzzjonali jistgħu mbagħad isiru sal-aħħar tal-2023 jew fil-bidu tal-2024*".

4. Opinjonijiet mill-korpi konsultattivi tal-Unjoni u atturi rilevanti oħra

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Skont l-Artikolu 114 TFUE, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jeħtieġ li jiġi kkonsultat, u għaldaqstant il-Kunsill nieda l-proċess ta' konsultazzjoni f'Ottubru 2022.

Il-Plenarja tal-KESE adottat l-Opinjoni tiegħu dwar l-EMFA fl-14 ta' Diċembru 2022⁸, u din sussegwentement ġiet ippreżentata fl-AVMWP.

Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Filwaqt li l-konsultazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) hija fakultattiva, fil-proposta tagħha l-Kummissjoni ssuġġeriet li jiġi kkonsultat⁹. Fis-16 ta' Novembru 2022, u fuq il-bażi tal-Artikolu 307 TFUE u l-Artikolu 19(7)(h) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) iddeċieda li jikkonsulta lill-KEtR¹⁰.

Il-Plenarja tal-KEtR adottat l-Opinjoni tiegħu dwar l-EMFA fis-16 ta' Marzu 2023¹¹, u din sussegwentement ġiet ippreżentata fl-AVMWP.

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Filwaqt li l-konsultazzjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) mhijiex prevista fit-Trattati, fil-proposta tagħha l-Kummissjoni ssuġġeriet li jiġi kkonsultat¹².

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data adotta l-Opinjoni tiegħu dwar l-EMFA fil-11 ta' Novembru 2022¹³, u din sussegwentement ġiet ippreżentata fl-AVMWP.

⁸ Dok. 16226/22

⁹ Ara l-preambolu

¹⁰ Dok. 14475/22

¹¹ Dok. 7783/23

¹² Ara l-premessa 54

¹³ Dok. 15569/22

Is-Servizz Legali tal-Kunsill

Fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Settembru 2022, l-AVMWP talab lis-Servizz Legali tal-Kunsill (SLK) janalizza l-bażi legali tal-proposta.

L-opinjoni tas-SLK ġiet ippubblikata fl-4 ta' April 2023¹⁴. Tiffoka fuq il-bażi legali tal-proposta u ma għandhiex tinqara bħala valutazzjoni tal-aspetti legali kollha tal-proposta¹⁵. Is-SLK sussegwentement ippreżenta l-Opinjoni tiegħu fl-AVMWP.

¹⁴ Dok. 8089/23

¹⁵ L-Opinjoni tas-SLK ippubblikata fid-dokument 8089/23 fiha parir legali protett taħt l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma ħariġx għall-pubbliku. Il-Kunsill jirriżerva d-drittijiet legali kollha tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe pubblikazzjoni mhux awtorizzata.

II. DISKUSSIONIJET TAĦT IL-PRESIDENZA ĊEKA

Matul il-Presidenza Ċeka, kien hemm preżentazzjoni inizjali tal-proposta għal EMFA fil-Coreper fil-21 ta' Settembru 2022.

Sussegwentement, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media (AVMWP) eżamina l-proposta tal-Kummissjoni f'għadd ta' laqgħat li saru bejn Settembru u Novembru 2022.

Fid-29 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal EMFA flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar salvagwardji interni għall-indipendenza editorjali u t-trasparenza tas-sjieda fis-settur tal-media lill-AVMWP. Għadd kbir ta' Stati Membri esprimew l-appoġġ tagħhom għall-oġġettivi ġenerali tal-EMFA iżda ddikjaraw li huwa meħtieġ eżami ulterjuri ta' artikoli speċifiċi.

Fil-laqgħat fit-13 u l-25 ta' Ottubru u fit-8 u s-16 ta' Novembru 2022, l-AVMWP eżamina fid-dettall l-Artikoli 1–24 tal-proposta għal EMFA.

Fis-sessjoni dwar il-Kultura, l-Awdjoviżiv u l-Media tal-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport tad-29 ta' Novembru 2022, il-Presidenza Ċeka ppreżentat rapport ta' progress dwar il-proposta għal EMFA. Il-ministri laqgħu l-oġġettivi tal-proposta u enfasizzaw l-importanza tal-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media għad-demokrazija u għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku tal-UE. Huma faħħru l-ħidma li saret taħt il-Presidenza Ċeka u rrikonoxxew li ser ikunu meħtieġa aktar diskussjonijiet sabiex jiġu ċċarati kwistjonijiet relatati mas-sussidjarjetà, il-bażi legali, l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta.

III. DISKUSSIONIJET TAĦT IL-PRESIDENZA ŻVEDIŻA

Saru tmien laqgħat ta' ġurnata sħiħa fl-AVMWP mill-11 ta' Jannar sas-17 ta' April. Bl-eżami tad-dispożizzjonijiet dwar il-Bord isir l-ewwel, l-Artikoli 1–16 ġew eżaminati flimkien mal-premessi relatati tagħhom fi tliet okkażjonijiet differenti, inkluż fuq il-bażi ta' żewġ settijiet ta' emendi ta' kompromess imressqa mill-Presidenza. L-Artikoli 17–25 ġew eżaminati f'żewġ okkażjonijiet, inkluż fuq il-bażi ta' sett wieħed ta' emendi ta' kompromess.

1. Il-ħolqien tal-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media u proċeduri ġodda ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (Artikoli 7–16)

Il-valutazzjoni ġenerali tal-Presidenza Żvediża hija li huwa qrib ħafna qbil fil-Kunsill dwar din il-parti tar-Regolament. L-Istati Membri fil-biċċa l-kbira qablu dwar id-direzzjoni għall-emendi b'rabta mal-Bord u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni proposti għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Hemm qbil mifruż biex jiġu stabbiliti tali mekkaniżmi u biex il-Bord jiġi inkluż bħala faċilitatur biex joħroġ opinjonijiet mhux vinkolanti u biex ikun medjatur bejn ir-regolaturi jew jipprovdi assistenza b'modi oħra fil-koordinazzjoni.

Il-kummenti u s-suġġerimenti tal-Istati Membri fil-biċċa l-kbira tagħhom ikkonċentraw fuq il-bilanċ bejn l-involviment tal-Kummissjoni fid-deliberazzjonijiet tal-Bord u l-ħtieġa li titħares l-indipendenza tal-Bord. B'riżultat ta' dan, ġew proposti diversi bidliet sostantivi fiż-żewġ settijiet ta' proposti ta' kompromess dwar l-istabbiliment, il-governanza u l-kompiti tal-Bord, inkluż l-indipendenza tas-segretarjat tiegħu, li għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni.

L-emendi ta' kompromess proposti għandhom ukoll l-għan li jiżguraw li l-kompiti tal-Bord ikunu limitati għad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva u għal daww il-partijiet tar-Regolament fejn l-istampa mhijiex indirizzata direttament, jiġifieri l-Kapitolu III, u li jagħtu l-possibbiltà li ssir koordinazzjoni nazzjonali ma' awtoritajiet rilevanti jew korpi awtoregulatorji oħra.

Barra minn hekk, xi Stati Membri talbu aktar kjarifiki u għodod għall-mekkaniżmu volontarju propost għall-koordinazzjoni b'rabta mas-servizzi tal-media ta' pajjiżi terzi. Għalkemm għad iridu jiġu finalizzati xi dettalji, għadd kbir ta' Stati Membri laqgħu abbozz ta' proposta ta' kompromess biex il-Bord jiġi involut aktar.

2. Salvagwardji ġenerali għall-fornituri tas-servizzi tal-media u d-dmirijiet tagħhom, inkluż tal-media tas-servizz pubbliku (Artikoli 1–6)

L-ewwel parti tar-Regolament tkopri diversi kwistjonijiet importanti, iżda wkoll sensittivi, għall-Istati Membri. Filwaqt li s-salvagwardji għall-fornituri tas-servizzi tal-media u d-dmirijiet tagħhom huma importanti mhux biss għall-funzjonament tas-suq intern, dawn jikkostitwixxu wkoll l-essenza tal-politika nazzjonali dwar il-media u jvarjaw skont il-prattiki kulturali u kostituzzjonali fl-Istati Membri. Il-Presidenza semgħet b'attenzjoni l-kwistjonijiet imqajma mill-Istati Membri b'rabta mal-armonizzazzjoni f'dan il-qasam sensittiv, filwaqt li ppruvat twieġeb għall-ħtieġa ta' salvagwardji komuni għal-libertà u l-pluralità tal-media. Għie propost li jiġi ddikjarat b'mod aktar ċar li hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiżguraw pluralità ta' kontenut ta' aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti kif ukoll l-indipendenza u l-funzjonament tajjeb tal-media tas-servizz pubbliku.

Għalkemm għadu ma ntlaħaq ebda qbil formali, l-emendi proposti sa issa mill-Presidenza ntlagħu b'mod pożittiv, u jidher li l-qbil huwa qrib għall-bieċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet.

Dwar l-Artikolu 4, li jittratta d-drittijiet tal-fornituri tas-servizzi tal-media, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tas-sorsi ġurnalistiċi, fadal aktar xogħol. Il-formulazzjoni eżatta dwar l-użu possibbli ta' spyware fir-rigward ta' sorsi ġurnalistiċi għadha qed tiġi diskussa fl-AVMWP. Għalkemm l-Istati Membri kollha jaqblu dwar protezzjoni b'saħħitha komuni tas-sorsi ġurnalistiċi, id-dispożizzjonijiet li jagħtu possibbiltajiet għal każijiet eċċezzjonali għad għandhom bżonn aktar diskussjoni u rfinar.

3. Is-servizzi tal-media f'ambjent diġitali, il-miżuri tas-suq tal-media nazzjonali li jaffettwaw is-suq intern, l-allokazzjoni trasparenti ta' riżorsi ekonomiċi u monitoraġġ għdid tas-suq intern tal-media (Artikoli 17–25)

L-aħħar parti tar-Regolament tinkludi dispożizzjonijiet ta' natura differenti. Għal xi wħud mid-dispożizzjonijiet l-Istati Membri kellhom fehmiet simili dwar id-direzzjonijiet tal-emendi; dwar oħrajn il-fehmiet ivarjaw kemxejn. L-ewwel sett ta' proposti għal emendi biss ġie diskuss mill-AVMWP qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

Il-Presidenza tqis li għalkemm id-diskussjonijiet dwar din il-parti tar-Regolament huma ftit inqas avvanzati minn dawk dwar l-ewwel żewġ partijiet tal-proposta, id-direzzjoni li trid tittieħed hija ċara. Id-diskussjonijiet fl-AVMWP kienu ta' kjarifika politika u teknika, u l-ewwel sett ta' proposti għal emendi ntlagħhu tajjeb. Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib tal-Istati Membri, il-Presidenza pproponiet bidliet sostanzjali bil-għan li jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni tal-opinjoni tal-Bord dwar il-miżuri ta' politika nazzjonali dwar il-media għal dawk b'impatt sinifikanti fuq is-suq intern. Bl-istess mod, il-Presidenza pproponiet emendi biex jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-konċentrazzjonijiet tas-suq tal-media għal dawk li x'aktarx jaffettwaw is-suq intern.

L-ewwel sett ta' emendi proposti mill-Presidenza kellhom ukoll l-għan li jsaħħu s-salvagwardji għall-fornituri tas-servizzi tal-media fil-konfront ta' pjattaformi online kbar ħafna (VLOPs), filwaqt li fl-istess ħin il-kondizzjonijiet biex jibbenefikaw minn dawk is-salvagwardji jsiru aktar stretti. L-oġettiv kien li tinstab proċedura bbilanċjata li żżid ir-rispett għall-integrità tal-kontenut taħt il-kontroll editorjali tal-fornituri tas-servizzi tal-media, filwaqt li tikkonferma l-obbligi ċari li l-pjattaformi online kbar ħafna jiġġieldu kontra d-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda. L-Istati Membri jaqblu dwar l-importanza li l-Bord jingħata l-kompitu li jsaħħaħ id-djalogu bejn il-pjattaformi online kbar ħafna u l-fornituri tas-servizzi tal-media.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-kejl tal-udjenzi u r-reklamar mill-Istat qajmu mistoqsijiet mill-Istati Membri, peress li d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar ir-reklamar mill-Istat ivarjaw b'mod sinifikanti. Bidla ewlenija proposta bħala kompromess hija li l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw regoli aktar stretti jew aktar dettaljati dwar ir-reklamar mill-Istat fil-livell nazzjonali.

Fl-aħħar nett, il-Presidenza ressqet ukoll emendi sabiex jiġi ċċarat l-eżerċizzju annwali ta' monitoraġġ indipendenti previst mill-Kummissjoni u biex tittejjeb it-trasparenza tiegħu.

IV. SEGWITU

L-AVMWP ser ikompli l-ħidma tiegħu fuq il-proposta għal EMFA f'Mejju u Ġunju. L-għan tal-Presidenza huwa li jiġi stabbilit mandat tal-Coreper sa Ġunju 2023.
